A.L. 12 ta' l-1990

ATT TA' L-1989 DWAR ID-DAZJI TA' IMPORTAZZJONI (ATT NRU. XXXV TA' L-1989)

Ordni ta' l-1990 dwar id-Dazji ta' Importazzjoni (Ħlas Lura fuq Zkuk u Skart tat-Tabakk)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 22 ta' l-Att ta' l-1989 dwar id-Dazji ta' Importazzjoni, il-Ministru tal-Finanzi għamel l-ordni li ġej:—

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1990 dwar id-Dazji ta' Importazzjoni (Ħlas lura fuq Zkuk u Skart tat-Tabakk). Titolu.

2. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1989 dwar id-Dazji ta' Importazzjoni u tal-artikli 3, 4, 5, 6 u 7 ta' dan l-ordni, għandu jingħata ħlas lura tad-dazji ta' importazzjoni mħallsa fuq l-oġġetti imsemmija fl-Ewwel Kolonna ta' l-Iskeda li tinsab ma' dan l-ordni meta dawn l-oġġetti jirriżultaw matul il-manifattura jew proċessar ta' tabakk importat mhux manifatturat f'sigarri u tabakk tal-pipa għall-użu jew konsum fis-suq lokali, b'dawk ir-rati indikati fit-Tieni Kolonna ta' l-Iskeda. Ħlas lura fuq zkuk u skart tat-tabakk.

3. (1) Il-Kontrullur tad-Dwana jista' jeħtieġ lill-fabbrikant biex iżomm dawk ir-*records* li jidhirlu meħtieġa biex jidhru l-kwantità u l-oriġini tat-tabakk importat jew irtirat mid-depożt u wżat fil-manifattura ta' sigarri u proċessar ta' tabakk tal-pipa għall-użu jew konsum fis-suq lokali. Tiżmim ta' *records*.

(2) Dawk ir-*records* għandhom jinżammu disponibbli għall-ispezzjon ta' uffiċjal tad-Dwana fil-post tal-fabbrikant.

4. Il-ħlas lura permess bis-saħħa ta' din l-ordni għandu jitħallas:— Ammont ta' zkuk u skart tat-tabakk li jista' jsir ħlas lura fuqu.

(a) dwar zkuk u skart tat-tabakk li jirriżultaw mill-manifattura ta' sigarri u proċessar ta' tabakk tal-pipa minn weraq tat-tabakk mhux manifatturat u importat għall-konsum lokali, li, f'kull każ, ma jkunux jiżnu iżjed minn tmienja u għoxrin fil-mija (28%) mill-piż tat-tabakk oriġinali importat jew irtirat mid-depożt għal dak il-għan; u

(b) dwar zkuk u skart tat-tabakk li jirriżultaw mill-manifattura ta' sigarri u proċessar ta' tabakk tal-pipa minn tabakk mhux manifatturat u importat ta' kull għamla, li ma jkunx weraq tat-tabakk mhux manifatturat, għall-konsum lokali, li f'kull każ, ma jkunux jiżnu iżjed minn ħamsa fil-mija (5%) mill-piż tat-tabakk oriġinali importat jew irtirat mid-depożt għal dak il-għan.

Konsenja ta' zkuk u skart tat-tabakk.

5. (1) Iz-zkuk u l-iskart tat-tabakk li jirriżultaw mill-manifattura ta' sigarri u proċessar ta' tabakk tal-pipa kif imsemmi fl-artikolu 4 ta' dan l-ordni, li dwarhom jintalab li jsir ħlas lura, għandhom jiġu konsenjati lill-Kontrullur tal-Dwana sabiex jagħmel minnhom b'dak il-mod li jista' jidhirlu xieraq li jordna.

(2) Ebda ħaġa f'dan l-ordni ma għandha tapplika dwar zkuk u skart tat-tabakk li jirriżultaw mill-manifattura u proċessar ta' tabakk mhux manifatturat u importat jew irtirat mid-depożt qabel ma sar dan l-ordni.

Kontroll tad-Dwana.

6. (1) Iz-zkuk u skart tat-tabakk li jkunu se jiġu konsenjati lill-Kontrullur tad-Dwana għandhom jiġu spezzjonati minn uffiċjali tad-Dwana u miżmumin fil-post tal-fabbrikant, jew kull post ieħor li jista' jiġi stabbilit mill-Kontrullur tad-Dwana.

(2) L-ispejjeż kollha li għandhom x'jaqsmu mal-ispezzjon, użin u tneħħija taz-zkuk u skart tat-tabakk meħtieġa skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) ta' l-artikolu 5 u tal-paragrafu (1) ta' dan l-artikolu għandhom jitħallsu mill-fabbrikant.

Tifsir.

7. F'dan l-ordni, il-frażi "fabbrikant" tinkludi biss lill-importatur ta' tabakk mhux manifatturat li huwa fabbrikant regolari ta' sigarri u jipproċessa tabakk tal-pipa, u li hu debitament liċenzjat għal dak il-għan bis-saħħa ta' l-Att ta' l-1978 dwar it-Tabakk u Prodotti tat-Tabakk.

Att Nru. V ta' l-1978.

SKEDA

L-Ewwel Kolonna *Oġġetti*	It-Tieni Kolonna *Rata ta' Ħlas Lura*
Zkuk u skart tat-Tabakk	Lm5.17,5 għal kull kilogramma ta' zkuk u skart tat-tabakk li jirriżultaw mill-manifattura u proċessar ta' tabakk mhux manifatturat, sew jekk f'għamla ta' weraq tat-tabakk jew f'xi għamla oħra, importat għall-manifattura ta' sigarri u proċessar ta' tabakk tal-pipa, u li fuqu jitħallas dazju bir-rata applikabbli għal oġġetti mkabbrin jew prodotti fil-Kommunità Ewropea; u Lm5.20,0 għal kull kilogramma ta' zkuk u skart tat-tabakk li jirriżultaw mill-manifattura u proċessar ta' tabakk mhux manifatturat, sew jekk f'għamla ta' weraq tat-tabakk jew f'xi għamla oħra, importat għall-manifattura ta' sigarri u proċessar ta' tabakk tal-pipa, u li fuqu jitħallas dazju bir-rata tat-Tariffa Ġenerali.